C/2026/215

7.1.2026

RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tad-19 ta' Diċembru 2025

lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni ta' Banka Slovenije

(BĊE/2025/42)

(C/2026/215)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro huma awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(2) Il-mandat tal-awdituri esterni tal-Banka Slovenije, Mazars, družba za revizijo, d. o. o., se jintemm wara l-awditu għas-sena finanzjarja tal-2026. Għalhekk jenħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2027.

(3) Banka Slovenije għażlet lil ERNST & YOUNG Revizija, poslovno svetovanje, d.o.o. bħala l-awdituri esterni tagħha għas-snin finanzjarji 2027 sa 2029,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Huwa rrakkomandat illi ERNST & YOUNG Revizija, poslovno svetovanje, d.o.o. jinħatru bħala l-awdituri esterni ta' Banka Slovenije għas-snin finanzjarji 2027 sa 2029.

Magħmul fi Frankfurt am Main, id-19 ta' Diċembru 2025.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE